KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOĊAL ĊOUNĊIL

15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN 1483

Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

17 ta' Diċembru 2018

## MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA' TAL-FLORIANA

## TAS-SEBA' KUNSILL LOKALI FLORIANA - DIĊEMBRU 2018

Il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita', skont Art 70 tal-Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta, nżammet nhar it-Tnejn, 17 ta' Diċembru 2018 fis-7.00pm fis-sala fejn jiltaqà l-Kunsill peress li hi aċċessibbli għal kulħadd, inkluż persuni li jużaw siġġu tar-roti.

Saru avviżi ta' din il-laqgħa fuq il-meżżi tax-xandir, fil-ġurnali lokali kif ukoll billi uffiċċjali tal-Kunsill personalment qassmu flyer bil-Malti u bl-Ingliż f' kull residenza a bażi tar-Reġistru Elettorali u fi ħwienet u każini lokali.

Għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' tas-Seba' Kunsill kien hemm preżenti s-Sindku Davina Sammut Hili, il-Viċi-Sindku Vince Borg, il-Kunsillier James Aaron Ellul, il-Kunsillier Albert Demarco u s- Segretarju Eżekuttiv M'Lourdes Lautier.

Il-Kunsillier is-Sur Anthony Grech Sant talab li jkun skużat peress li kien jinsab indispost.

L-attendenza kienet ta' resident wieħed biss minkejja li ġew infurmati r-residenti kif ukoll l- għaqdiet lokali kollha adekwatament. Il-parteċipazzjoni tagħhom f'din il-laqgħa kellha l-għan li tkun għodda prinċipali sabiex wieħed iressaq proposti u jiddiskuti mal-Kunsill biex flimkien isseħħ għaqda li tixpruna għal-ġid akbar a benefiċċju tal-Furjaniżi stess.

### BIDU TAL-LAQGĦA

Is-Sindku fetħet il-laqgħa billi spjegat li l-iskop ta' din il-laqgħa kien li l-kunsilliera jagħtu rapport lir-residenti ta' x' ikun sar fil-lokalita' tul din is-sena kurrenti filwaqt li r-residenti jkunu nfurmati bil-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena ta' wara u kif ser jirriflettu fl-estimi finanzjarji annwali.

Is-Sindku rrimarkat li r-residenti preżenti setgħu iressqu suġġerimenti jew ilmenti wara d-diskorsi tal-Kunsilliera sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati fil-pjanijiet tal-Kunsill.

Is-Sindku Davina Sammut Hili stiednet lill-Viċi Sindku Vince Borg, lill-Kunsillier James Aaron Ellul u il-Kunsillier Albert Demarco sabiex jagħtu r-rendikont tal-ħidma tagħhom matul din is-sena.

## Il-Viċi Sindku Is-Sur Vince Borg

Il-Viċi Sindku Vince Borg għandu d-dekasteri tal-Qasam Soċjali u Familja, Relazzjonijiet mal-Pulizija, Traffiku, Ġonna u Soft Areas, Anzjani u Ħarsien taċ-Ċittadin.

Beda biex semma iż-żjarat li għamel lill-anzjani tal-lokal kemm fi djarhom kif ukoll fid-Dar tal-Anzjani biex semgħa s-suġġerimenti u materji li jolqtuhom fosthom fuq parkeġġ tal-persuni b' diżabilita'.

F' laqgħat mal-Pulizija ġie trattat partikolarment l-aspett tal-vandaliżmu u t-teħid tad-droga waqt li mal-Ministru responsabbli mill-Intern ġie diskuss il-cladding li hemm mal-Bażi Marittima ta' Taħt il-Forka.

Fil-Kunsill saru lezzjonijiet għal kbar rigward tisjir bil-għaqal kif ukoll dwar għaqal fid-dar.

Saru sensiela ta' testijet b' xejn tas-smiegħ għal kull minn xtaq jikkonkorri, waqt li saret ukoll riċerka minn studenta tal-Masters dwar il-puplesija fuq persuni li għandhom erbgħin sena jew aktar.

Il-ħaddiema tal-Kunsill ħadu ħsieb li jirrifreskaw sinjali tat-toroq li jkunu ċċaraw.

Irrimarka li wasal iż-żmien li għall-problema akuta tal-parkeġġ għandha tiġi mistħarġa sistema apposta li taġevola lir-residenti u lmenta dwar il-coaches tat-turisti li jipparkjaw konsistentiment fi Triq Sarria.

Sar iż-żbir tas-siġar fejn kien hemm bżonn filwaqt li semma l-proġett li dieħel għalih il-Kunsill, dak tat-tisbieħ tal-Ġnien Re George V li ser jiswa madwar €400,000; li Reġjun Xlokk riċentement ħallas għat-tarmak li ngħata fl-inħawi tal-Istitut Kattoliku u l-ftuħ għall-aċċess aktar komdu minn Triq Emvin Cremona dritt għall Pjazza Sant' Anna lejn il-Belt Valletta.

Il-Viċi Sindku Vince Borg għalaq id-diskors tiegħu billi irringrazzja l-istaff tal-Kunsill.

## Il-Kunsillier Is-Sur James Aaron Ellul

Il-Kunsillier James A Ellul tkellem dwar id-dekasteri li hu responsabbli għalihom cioe' e-Councillor, Edukazzjoni, Ħarsien tal-Annimali, Tfal, Żagħżagħ u Sports, Saħħa u Sanita' u kompla jgħid li hu ħadem ukoll billi ta kas ta' dak kollu li ltaqa' miegħu a benefiċċju tal-Furjaniżi u tal-Floriana.

Qal li din is-sena tkellem dwar il- Masġar tal-Ġublew sabiex ikun hemm aktar sigurtà partikolarment biex jonqos l-abbuż tad-droga minn hawn u dwar il-vandaliżmu fi Ġnien Re George V. Fuq insistenza kontinwa tiegħu reġgħet ġiet stallata l-kamera ta' wara Bieb il-Bombi.

Irrimarka li bil-limitazzjoni finanzjarja il-Kunsill xorta organiżża b' suċċess l-attività ta' San Patrizju, il-Festival tan-Nar tal-Art Mekkaniżżat kif ukoll Ġenna ta' Ġonna li sfortunatment din is-sena kienet mxekkla bil-maltemp.

Peress li hu responsabbli mill-midja u l-pubblikazzjonijiet kontinwament jaġġorna l-paġna tal-Kunsill fuq Facebook u l-midja tal-Kunsill, ħa ħsieb il-presentazzjoni tas-Serata tal-Unuri ta' Jum il-Floriana waqt li din is-sena ittellgħu *siltiet live* mill-Festival ta-Nar tal-Art Mekkaniżżat fi Pjazza San Publju.

F’ intervista riċenti ma’ Malta Today tkellem dwar l-istat tal-Fosos u qajjem punt wara artiklu ta’ studju li deher fuq Times of Malta dwar emissjonjijiet ta’ tniġġis mill-Cruise Liners fil-Port il-Kbir u li dan il-punt għandu jkun ta’ nteress Reġjonali. Semma r-riġenerazzjoni tal-lokal, is-saħħa u l-ħajja tal-lokal permezz tal-Forum tal-President u x’ ser isir minn dan il-Forum la darba tinbidel il-President. Semma l- mozzjoni li ressaq dwar skart organiku li jemmen li jibda mill-iskola Primarja li għalkemm m’għaddietx hu sodisfatt li dan l-eżerċizzju beda f’Ottubru wara skema u inizjattiva tal-Gvern Nazzjonali.
Ħa ħsieb l-istallazzjoni tat-tabelli ta’ Triq Ġlormu Cassar, u l-oħra ‘l isfel mil-lukanda Excelsior sponsorjati minn bank ewlieni. Ressaq proposta dwar il-possibiltà biex skema ta’ restawr ta’ gallariji tal-injam fil-Belt Valletta preżentata mill-Awtorità tal-Ippjanar setgħetx tiġi estiża għall-Floriana.
Kampanja Qalb Furjaniża, Qalb Ħanina hija l-ewwel mozzjoni li ressaq hu u din is-sena l-Floriana qed tilqa u tiġbor donazzjonijiet b’risq żewġ għanjiet.
Irringrazzja lil sħabu l-Kunsilliera u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill għall-ħidma tagħhom u lir-residenti Furjaniżi, li jżommu l-ħidmietu ħajja, u jagħtuh l-kuraġġ li jibqa’ għaddej.

## <u>Il-Kunsillier Is-Sur Albert Demarco</u>

Il-Kunsillier is-Sur Albert Demarco tkellem dwar id-dekasteri li hu responsabbli għalihom cioe’ Utilitajiet u Servizzi, Gwardjani Lokali, Parkegg, Kultura u Storja.
Semma kif f’ dan id-dekasteru, wieħed irid jieħu ħsieb il-manutenzjoni sabiex tiġi evitata ħsara, l-iżvilupp u li jsir xogħol ta’ tiswija fil-ħin. Pero’ mhux dejjem wieħed jinnothom peress li ma jidhrux u wieħed irid iqis li xi entitajiet u dipartimenti jkollhom prattiċi, sistemi u proċeduri partikolari stabbiliti li jirriżulta’ li xi xogħol jieħu t-tul li fl-aħħar mill-aħħar jirriżulta titjib fil-ħajja ta’ kuljum taċ-ċittadini tal-lokal.
Din is sena il-ħaddiema ta’ l-Enemalta bidlu xejn inqas minn 7 cables taħt l-art, 42 bozza tat-toroq u attendew għal 63 ħsara, kemm fid-djar kif ukoll fit-toroq. Saru wkoll 6 spezzjonijiet tal-Floriana kollha matul sitt iljieli differenti. Il-korporazjoni għas-servizzi ta’ l-ilma għamlet 5 xogħlijiet ta’ manutenzjoni u attendiet għal mhux anqas minn 24 ħsarat żgħar li nqalgħu.
Għalaq billi qal li l-fiduċja li wrew fih il-Furjaniżi jisfrutta billi taħt it-tmexxija tas-Sindku jittieħdu deċiżjonijiet minn idejat u inizjativi mressqa mill-istess membri tal-Kunsill li jevolvu f’ tisbieħ u titjib fil-kwalità tal-ħajja tar-residenti.

## <u>Is-Sindku Davina Sammut Hili</u>

Id-dekasteru tas-Sindku huma l-Finanzi u l-Fondi, Fondi mill-Unjoni Ewropeja, l-Ambjent u Ndafa Pubblika, Librerija u Arkivji, Xogħlijiet u Manutenzzjoni, Relazzjonijiet Lokali u Internazzjonali, Ugwaljanza u Avvanz tal-Mara u Negozju u Kummerċ.

Is-Sindku fetħet id-diskors tagħha billi irringrazzjat lil kull min jifforma parti mill-Kunsill u irrimarkat li l-membri baqgħu jaħdmu b' sinerġija għal ġid tal-lokal partikolarment għar-residenti. Hija irringrazzjat lill-istaff amministrattiv u manwali, li lkoll jirsistu sabiex il-pjanijiet tal-Kunsill jitwettqu bl-aktar mod effiċjenti.
Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li mir-rapporti li saru mill-kunsillieri sħaba, kienet tidher il-ħidma kbira li saret mill-Kunsill u minn kull wieħed mill-kunsillieri filwaqt li ġie ppreżentat Rapport tal-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2018.
Saru diversi laqgħat ma' entitajiet Governattivi u setturi oħra sabiex il-Kunsill jigwadanja għal ġid tar-residenti u tal-lokal.
Is-Sindku semmiet kif il-Kunsill kompla jwettaq ħidmiethu fil-lokalita' billi ħa ħsieb tat-tindif tat-toroq u żżamma tal-ġonna, tad-dwal, il-ġbir ta' skart domestiku, organiku u goff waqt li wettaq manutenzzjoni kontinwa skond il-ħtieġa, partikolarment wara xi att vandalu li jiswa l-kunsill somma ġmiela mill-allokazzjoni.
Semmiet li saret sistema ġdida ta' dwal fi Ġnien Vilhena u li ġiet stallata webcam fuq il-Fosos waqt li hemm proċess għaddej biex titwaħħal oħra fi Triq Sant Anna. Għaddej testing ukoll biex tiġi stallata camera fi Triq l-Argotti biex jitrażżan rimi illegali ta' skart f' dawn l-inħawi.
Il-Kunsill huwa konxju u favur il-ħarsien tal-annimali u propju għalhekk ħa ħsieb li jkun hemm numru ta'cat cafes madwar il-Floriana.
Ta' kuljum, il-ħaddiema manwali tal-Kunsill jieħdu ħsieb il-manutenzzjoni u tiswija li jkun hemm bżonn fil-lokalità. Grazzi għal-għajnuna mill-Gvern ċentrali, il-Kunsill qed igawdi minn xogħolijiet ta' tarmak maġġuri fit-toroq tal-Floriana bħal dik ta' Triq Sarria, Triq San Publju u Triq San Tumas.
Ta' sikwiet jinbidlu spralli miksura u prezentament qed jinbidlu kaptelli mkissra partikolarment fit-Telgħa tal-Kurċifiss peress li jipparkjaw fuq il-bankini numru ta' *coaches* li jkunu jaqdu turisti tul il-Waterfront.
Irreferit għall-Estrimi Annwali 2019 fejn semmiet l-allokazzjonmi tal-Gvern li tammonta għal €389,392 , id-dħul minn infurzar lokali, permessi, bye-laws u r-rifużjoni minn Wasteserv fejn hu maħsub dħul ta' madwar €41,300. Kompliet tgħid li l-ispejjez għall-emolumenti personali kien ser jiżdied marġinalment għal €132,316 u li jinkludi ż-żieda tal-għoli tal-ħajja u l-*increments* tal-ħaddiema.
Semmiet in-nefqa għal qasam tal-attivitajiet kulturali li saru parti mill-kalendarju Furjaniż ie il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, Ġenna ta' Ġonna u Saint Patrick's Sunday, kif ukoll in-nefqa għall-manutenzjoni u operattivi, is-sejħiet għall-offerti u għall-amministrazzjoni.
Tkellmet dwar l-infiq kapitali - b' nefqa stmata ta' madwar €453,000 - li ser jidħol għalihom il-Kunsill hekk kif ser iniedi l-proġett tat-tisbieħ tal-Ġnien Re George V, ix-xiri ta' fanali ornamentali, għamara tat-toroq u CCTV cameras fost oħrajn.
Is-Sindku qalet li matul din is-sena, il-Kunsill kompla jkun kawtiel fl-infieq sabiex iħejji għall-proġetti pjanati biex jitgawdew mir-residenti, li b' dana kollu, għall-sena oħra, dan il-Kunsill irnexxielu jagħlaq is-sena finanzjarja b' surplus sostanzjali.

INTERVENTI MINN DAWK PREŻENTI

Ma kienx hemm intervent mill-pubbliku.

TMIEM IL-LAQGĦA

Il-minuti ta' din il-laqgħa ser jiġu diskussi mill-Kunsill matul il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss cioe' fid-9 ta' Jannar 2019.

Il-laqgħa ntemmet fit-7.40 p.m.

NB Peress li l-Kunsillier Anthony Grech Sant kien indispost għal din il-laqgħa, fit-3 ta' Jannar 2019 huwa ssottometta l-kontribut tiegħu kif imsemmi hawn taħt sabiex jiġi nkluż f' dan ir-rapport.

IL-KUNSILLIER ANTHONY GRECH SANT

Id-dekasteri li hu responsabbli għalihom l-Kunsillier is-Sur Anthony Grech Sant huma relazzjonjiet mal-Pulizija u l-Isport.

Semma li hu dejjem ikun preżenti għall-laqgħat tal-Kunsill u jgħati kontribut lil Floriana Football Club filwaqt li l-unika laqgħa li kellu mal-Pulizija kienet dik dwar ġirja organizzata għaċ-ċelebrazzjoni tal-Indipendenza.

*firmati*

Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*

M' Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum 9 ta' Jannar 2019.